## GĦAD NERĠA' . . .

*Għad nerġa għat-triq it-twila*
*Li ma twassal għal imkien;*
*Nimxi għad-dawl tal-qamar*
*U max-xemx, ferħan, għajjien.*

*Għad nerġa' nħoss fuq fommi*
*Il-bewsa tal-irjieħ;*
*Xi drabi għad nitlewwmu*
*W iħalluni bla mistrieħ.*

*Ma nibqa' dejjem sejjer*
*Fit-triq twila tal-imkien,*
*U nibqa' ngħanni dejjem*
*Għanjiet li m'għandhomx żmien.*

14.vi.53 R. Briffa

## ~~XEWQAT~~ . . .

~~*Bl-uġigħ u d dwejjaq f'qalbi,*~~
~~*U b'ruħ maħruqa b'talbi,*~~
~~*Nitniehed b'xewqat bla sabar,*~~
~~*Imqanqla donnhom baħar,*~~
~~*Inxħett fiċ-ċpar xebbieni,*~~
~~*Li jiksi wied sewdieni,*~~
~~*Fis-siegħa taż-żerniq,*~~
~~*Il-ħin ta' l-akbar dieq;*~~
~~*Għax ħassejt ruħi fija*~~
~~*Għatxiena għas-sbuħija.*~~

~~*Kien hemm il-kwiekeb f'ġemgħa,*~~
~~*Jgħannu bil-ferħ tas-sema*~~
~~*Xħin jien mixtieq mill-ġmiel,*~~
~~*Kont qed bl-uġigħ nidbiel.*~~

~~J. Azzopardi~~

~~Erfa' jdejk biex issawwat, u tiġi ħafna 'l isfel minn għaduk. (Qawl Ċiniż)~~